# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2002

**Numru 1**

**Avviz. numru 88/00mm**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Victor Pisani abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi u l-istess Victor Pisani**

**vs**

**Trudy Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Jannar 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas is-somma komplessiva ta' Lm314.09 tlett mija u erbatax-il lira u disa centezmi jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizzjoni li grat bejn il-vetturi BAT 805 u TRU 010, liema danni gew kawzati

b'rizultat tal-kollizzjoni li grat fis-17 ta' Settembru,1999, fi Triq San Anard, Tarxien, stante li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontrihom in kwantu li l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort ta' Victor Pisani assikurat ta' Middle Sea Insurance plc fil-kwalita' indikata.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq San Anard, Hal Tarxien fis-17 ta' Settembru 1999 bejn il-karozza TRU 010 misjuqa mill-konvenuta u l-karozza BAT 805 misjuqa

minn Victor Pisani. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni u Pisani ried pero' jitla l-main road biex idur fil-fetha li hemm fis-*centre strip* halli jasal go Zejtun Road, Hal Tarxien. Waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra, saret il-kollizzjoni billi l-konvenuta baqghet diehla fuq in-naha tal-lemin tal-karozza ta' Pisani.

Ikkunsidrat:

Illi Victor Pisani xehed illi huwa kien qed isuq fi Triq San Anard u ried idur fil-fetha li hemm fis-*center strip* biex jidhol go Zejtun Road. Induna li warajh kien hemm karozza ohra. Jghid illi xeghel l-indicator izda hekk kif beda jdur, il-konvenuta ppruvat taqbez jew taghmel manuvra ta' sorpass minn fuq in-naha tal-lemin, bdiet tersaq aktar lejn il-lemin hekk kif beda jdur u sar l-incident. Ighid illi qabel ma beda jdur hares fiz-zewg mirja u ra lill-konvenuta warajh.

Il-konvenuta minn naha l-ohra tghid illi hi kienet qed issuq fl-istess direzzjoni ta' Pisani b'dan ta' l-ahhar ippustjat daqsxejn fuq ix-xellug taghha. F'daqqa wahda dana beda jdur minghajr sinjali ta' xejn. Hi ppruvat tevita l-kollizzjoni, izda ma rnexxilhiex u l-karozzi habtu u spiccaw fil-posizzjoni kif indikat fl-sketch esebit f'dawn l-atti. Il-konvenuta allegat illi Pisani ma kellux l-indicators mixghulin.

Rigward din l-ahhar vertenza hemm ix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kaz. Dana gie migbud l-attenzjoni tieghu ghal fatt li l-indicators ma kienux mixghulin u dana pprova l-indicators tal-

karozza misjuqa minn Pisani u sab illi ma kienux qeghdin jixghalu. Pisani jallega illi dana kien rizultat ta' l-incident, pero' s-surgent osserva li l-indicator bil-majka b'kollox ma kienx dannegjat.

Apparti dan, il-Qorti ghandha r-ritratti tal-hsarat subiti mill-karozza ta' Pisani. Dawn il-hsarat jidhru fuq in-naha tal-lemin tal-bibien u l-indicators bl-ebda mod ma jidhru minsusa. Ghalhekk la dawna ma kienux mixghulin, huwa sinjal li kellhom xi hsara, bhal bozza maqtugha, liema hsara kienet responsabbilta tas-sewwieq Victor Pisani biex jara li jirranga. Ghalhekk hu ferm probabbli dak li allegat il-konvenuta li Pisani ma kellux l-indicators mixghulin meta biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu biex jidhol fil-fetha li hemm fis-*center strip.*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib hafna x'ticcensura fis-sewqan ta' Victor Pisani. Dana qabad u biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu minghajr ma ta pre-avviz adekwat lis-sewwieqa l-ohra warajh.  Mhux hekk biss, il-probabilta' hija li kellu l-indicators bil-hsara u ghalhekk lanqas kieku ried, ma setgha jaghti avviz lil ta warajh  li kien ser ibiddel il-manuvra tieghu. Dana wahdu huwa fattur determinanti ghal dik li hija responsabbilta' fil-konfront ta' Victor Pisani, izda barra minn hekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru, 1995 fl-ismijiet Hugh P Zammit Noe vs Raymond Debono fejn il-Qorti kienet qalet li sewwieq li jkun ser jikser ghal go *side street* mhux bizzejjed illi

jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll li dawk li jkunu qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun qieghed jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser.

Minn dan kollu Victor Pisani ma ghamel xejn. Mhux talli ma ghamilx is-sinjal, talli qabad u dar minghajr ma ta kaz x'kien qieghed jigri warajh u kien proprju f'dak il-mument illi sab lill-konvenuta fuq in-naha tal-lemin tieghu, biex b'hekk dana kkreja emergenza ghall-istess konvenuta liema emergenza hi ma setghetx tirreagixxi fil-hin. Il-Qorti jidhrilha illi l-kawza prossima ta' dan l-incident hija din il-manuvra ta' Victor Pisani illi minghajr pre-avviz, qabad u biddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Dep Reg